# FOLKLOR MILL - BIRGU

Is-Sur **Ġeraldu Cacciattolo** mir-Raħal Ġdid, fl-imgħoddi kien joqgħod il-Birgu. Jiftakar sewwa il-ħajja kif kienet qabel it-Tieni Gwera Dinjija sa mis-snin għoxrin. **Guido Lanfranco** intervistah fit-3 ta' Diċembru 1995, u dawn li ġejjin huma xi ftit kurżitajiet folkloristiċi mill-Birgu li ġabar minn għandu, iżda nħallu barra il-mistoqsijiet:

**Il-Maskli**

"Kienu jużaw maskli tal-ħadid mill-komuni. L-aħħar ħamsa jew sitta kienu jkunu tal-bronż, u bil-widna, xi erbgħa minnhom żgħar, u wieħed kbir ħafna, li kien ikun xi għaxar pulzieri; u kienu jkunu bl-arma tal-kavallieri fuqhom. Kien jispiċċa bihom il-kbar, fit-tarf tal-pjazza. Kienu jisparawhom fejn hemm l-oratorju ta' San Ġużepp,(il-mużew), u l-oratorju tal-Kurċifiss.

"Kien jiġi raġel, mingħalija miż-Żejtun, jiġi filgħodu, jintefa' taħt il-ħajt ta' l-oratorju tal-Kurċifiss, għall-frisk. Kien ikollu kantun quddiemu, u kien ikollu porvli iswed u ġebel tal-franka. Kien joqgħod bilqegħda fuq xkora, fl-art, u jibda jimla. Il-masklu jimlih bil-porvli iswed, minn dik it-toqba ta' fuq, u jippressah bil-ġebel tal-franka...biċċiet tal-ġebel tal-franka żgħar; kellu l-mazza, jibda jsammarhom, jitfarrak kollox, u dak il-porvli iswed jippressa ruħu ġo dik it-toqba.

"Mbagħad kien ikollu il-porvli *paste*, pasta, i jimla dik it-toqba żgħira f'ġenb il-masklu, taħt, u jimliha b'sebgħu biex isoddha...u l-masklu jiġi kkargat. Meta jlestihom u jimla kollox, kien jaqbad landa biż-żernuna, bil-porvli iswed, u jagħmel serbut (bil-porvli) minn isfel, minn fejn San Lawrenz, minn fejn iz-zuntier, mal-ġenb tal-awla, l-isfel mill-mużew, u jibda jdur skond kemm ikun għamel maskli....pero', l-aħħar wieħed jispiċċa kif niġu l-pjazza, quddiem l-istatwa tal-Vitorja.

"Fin-novena kien jispara tant, u lejlet il-festa tant; mhux dejjem bl-istess kobor. Bis-serbut jasal sal-kantuniera qabel il-Vitorja; hemm jiġi l-aħħar wieħed (masklu)... il-kbir. Jaqbad il-maskli, u jibda jpoġġihom ma' dak is-serbut, ngħidu aħna kull sitt pulzieri. Dik it-toqba li għedtlek isodd (bil--*aste* tal-porvli), dik jagħmilha fuq il-linja tas-serbut, biex malli jaqbad is-serbut tal-porvli, iservi ta' *fuse*. Jagħmel kemm irid, sakemm jasal sa fuq,..... kull sitt pulzieri jagħmel wieħed; l-aħħar ħamsa jew sitta kienu jkunu l-kbar. Kien ikun hemm aktar minn mija...ħafna...bħal musketterija tal-lum tiġi.

"Fejn dik il-pjazzetta, minn fejn jibda, kien jagħmel mhux serbut wieħed....kien jibda jdur, u jibqa tiela' sal-kantuniera quddiem il-Vitorja; .... jispiċċa bil-kbir li jgħidulu tal-widna. Hemm kien hemm daqsxejn ta' ħanut żgħir, kien hemm wieħed ibiegħ il-ħaxix (ngħidulu iċ-ċiċċajun); dan, f'Awwissu kien żmien it-tuffieħ, kien jaqbad tuffieħa, kien ipoġġiha fuq il-kbir...u konna naraw dik it-tuffieħa, x'ħin jispara, togħla... X'ħin iddoqq il-mota, kien iqabbad minn naħa t' isfel, u jibqa tiela ma' dak is-serbut..."

**Il-Ballun tal-Ħamiem**

"Dak li ngħidulu l-ballun, kien ikun f'nofs il-pjazza...fi tfuliti niftakru dejjem, jien...issa għandi 71 sena... Il-kolonna l-istess waħda...kienet tkun fil-pjazza, bejn (l-istawi) tal-Vitorja u San Lawrenz. Kienet tkun kolonna u kien hemm speċi ta' ballun, jinfetaħ f'xi erbgħa flieli jew ħamsa...dan kienu jpoġġu xi żewġ pari ħamiem fih...kont tfal, jien...u jagħlquh fuq bil-miċċa tal-musketterija, u jagħmlu biċċa musketterija minn fuq, minn fejn jingħalaq...(għax jingħalaq minn fuq, kien)...bil-musketterija nieżla l-isfel... Malli jasal il-marċ fil-pjazza, jaħarqu l-musketterija ....mill-art....u tibqa tiela matul il-kolonna sa fejn hemm il-ballun....malli tasal fuq, kien ikun hemm

dik il-miċċa marbuta mal-flieli; kif tinħaraq jaqgħu dawk il-flieli u joħorġu l-ħamiem...titfaċċa statwetta fin-nofs...Għadha tintuża sal-lum, dik..."

**Ħruq tas-Salib f'Sibt il-Għid**
"Sibt il-Għid kien uniku...L-ebda parroċċa (oħra) ma kienet tagħmel il-marċ ta' Kristu Rxoxt f'Sibt il-Għid.... F'Sibt il-Għid kien joħroġ Kristu bil-marċ minn San Lawrenz, u jiġru bih; Il-Ħadd filgħodu kienet toħroġ proċessjoni fis-7.OOam jew fis-7.30am bi Kristu Rxoxt, terġa...ma kienx ikun hemm banda;....is-Sibt kienet toħroġ il-banda. Il-Ħadd kienu jgħaddu bi Kristu Rxoxt bi proċessjoni żgħira...b'xi żewġ qassisin u abbatini...; idawruh id-dawra, tidħol il-knisja, u ssir il-quddiesa solenni tal-Għid f'xi t-8.OOam. Is-sibt bil-marċ u jiġru bih, u il-Ħadd bi proċessjoni żgħira.

"Dak iż-żmien kienet użanza, li (f'Sibt il-Glorja) il-Lunzjata kienet iddoqq il-Glorja qabel San Lawrenz, f'xi t-8.00am jew it-8.30am. X'ħin iddoqq il-Glorja, il-Lunzjata, tad-Dumnikani, kien ikollhom dak is-salib li kien jiddendel fil-kunvent kif titla't-taraġ,....salib taż-żebbuġ, imbierek is-sena ta' qabel...joħorġuh u jaħarquh quddiem il-knisja, f'nofs it-triq...qabel jasal l-Irxoxt, li kien jgħaddi minn fuqu..."

**L-Għaġuża**
"(Fil-Birgu) f'Sibt il-Għid dejjem jgħidu li kienu jwaddbu l-għaġuża minn fuq il-kampnar tad-Dumnikani; kelli n-nanna, li kieku għadha ħajja, illum għandha xi 130, kienet issemmiha din. Sqallija komuni din...naħseb li kien hemm xi patrijiet li ġabu din ta' l-għaġuża....

**It-Trajbu u l-Ħġejjeġ ta' San Ġwann**
"Fil-ħġejjeġ, il-Birgu kien imqassam...bid-distretti, biex ngħid hekk. Fuq is-sur tal-Kurdara kienu jagħmlu ħuġġieġa ta' din in-naħa....Mbagħad kien hemm Il-Misraħ...hemm kien hemm bini mwaqqa...ngħidulu Il-Maħruq, aħna... Fuq is-sur tat-Toqba, iż-żagħżagħ tal-Mandraġġ kienu jagħmlu oħra kbira (ħuġġieġa). Dawn kienu jkunu ħġejjeġ kbar ħafna.....kienu jaħsbu għalihom qabel..; (ukoll), minn kellu saqqu bil-baqq kien jeħles minnu...u siġġijiet... Kien hemm oħra dawk il-jumejn... Mara xiħa, filgħaxija, ma kienetx tista' toqgħod barra b'siġġu...għax jgħaddu t-tfal....jekk isibuh jeħduhulha....hekk kienet, kulħadd...

"Kien hemm il-pika bejn id-distretti min jagħmel l-akbar ħuġġieġa... Ma' ġenbi kien hemm mara, Marija iż-Żigolotta, u din kienet tagħmlilhom it-trajbu....niftakarha tagħmilhom....forma ta' raġel...qalziet imqatta' u ġlekk imqatta'...timlihom bit-tiben...u xi kappell imqatta' f'rasu. Konna nsibu siġġu, npoġġuh fuq nett, fuq il-borġ ta' l-injam... inħalluh bilqegħda hemm....U kulħadd jiġri biex jara it-trajbu jinħaraq....

**Tat-Tanbur u tal-Flawt f'Sibt il-Għid.....**
"Fil-Birgu, f'Sibt il-Għid f' nofsinhar, kien joħroġ bit-tanbur u bil-flawt idur (mat-toroq)..... u kemm ħalaq tfal jiġru warajh u jgħajtu... Dawk l-istess li kienu jdoqqu l-flawt fil-Ġimgħa l-Kbira; kienu joħorġu jdoqqu f'nofsinhar is-Sibt, u il-Ħadd.

**.....U fl-ewwel tas-sena**
"F'nofs il-lejl, kien joħroġ it-tanbur waħdu, idur mat-toroq. Kienet użanza, niftakarha, pero' nqatgħet qabel il-gwerra, li kienu jagħmlu l-ġir fuq l-għatba, per eżempju ta' xi avukat, tabib....Fi tfuliti niftakarha...ġie li rajt il-ġir fuq xi għatba fl-ewwel tas-sena. F'nofs il-lejl kien joħroġ tat-tanbur..... idur mat-toroq.

U-Kratclli tal-Karila'
"Qabel il-gwerra kienet ghadha ssir (il-proċessjoni) lal-liatcllanza tal-Karita', II-baCir kien jerfghu fuq rasu wiehed li ma IcieOX lralell....kien iqabbcJu il-lralell. 11-baċir kien ikun proprietà' tal-IYatell. Dak li jerfghu jilbes ta' fralrell ukoll ...ilibbsuh. U-fralell kien ikollu ti Ici niieghu, iżommlu ċ-ċinglu....u t-lilel liebes ta; fralrell bhalma kienu jlibbsu lit-tfal ta' Santa Rita u la" 1-Aċċjomu....; qabel hekk kienu. Il-fratell bix-xemgha, it-tifel i/ommlu ċ-ċinglu, u 1-iehor bil-baċir, ...bil-hobż ta[1] 1-injam. Meta tidhol il-proċessjoni, waql il-fun/joni, kienu jqassmu 1-hobż lill-fqar.

## U-FigoUi

Il-figolli, dak iż-żmien kienu jkunu is-Sirena, il-IIuta, il-Qoffa u d-Dghajsa . (dawk) li kienu I-importanti. Il-bajda ta' fuqhom ma kienetx tkun taċ-ċikkulata. Kienet la/-zokkor, forma ta' nofs bajda...miżbugba hamra...Bicx tixtri bajda daqsxejn wahda (ahjar) il-Belt kont trid tmur. Nofs bajda fuq il-ngolla...m'hemmx fidda maghba....hamra. Meta konna naghmluba fil-familja, il-bajda konna niżbghuha hamra bil-karta tat-tajr... Nghamlu bajda mghollija u niżbughlia hamra, dejjem; imma 1-importanti (kienu) is-Sirena, il-Qoffa, il-IIuta u id-Dghajsa...

*

## Tac-Cippitatu

F'Sibt il-Ghid, kienu jarmaw fil-pjazza tilari, dawk li jdawwru iċ-ċippitatu. Hemmekk biss kien ikun hemm 1-Irxoxt F'Sibt il-Glorja, allura kienu jinġemghu in-nies....il-Iïadd ma kienux.Iċ-ċippitatu kien ikun ta' 1-injam. Kien ikun hemm lilar żgħir bil-figolli, ujdawwru gball-figolla; ittih numru li trid, ujekk jitla' itik figolla jew tnejn, skond kemm tilghab Xi sitt habbiet in-numru....

## Is-Snajja Spiċċaw...

Spiċċaw kollha mill-Birgu. Spiċċa 1-Kaldaran *(W-coppersmith),* kien armât hdejn il-knisja tal-Karmnu. Kien hemm il-buttar li jaghmel il-btieti, il-haddied, skulturi tal-injam, kurdara, induratur.... Is-Sur ta[1] San Gwann jgbidulu is-Sur tal-Kurdara...L-ewwel kien hemm familja Ferriġġi,...u Bormla... u warajhom ġew Tal-Mosti...sa qabel il-gwerra. Kien hemm il-Kammanajsu, jqabbduh idawwar ir-rota (tal-kurdar), u kien iqabbdu wkoll il-mastrudaxxa, labi fejn kont noqgbod jien, biex idawwarlu it-tom...ma kienx bil-mutur...kien bl-imrad, idawwru bir-rota kien itih xi ħaġa u jdawwar hemm ukoll

Maskli mill-kninuni (ritrati G. Lanfranco)